**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 29/07 – It-Tlieta 27 ta' Jannar fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:30pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Ittra mibgħuta mid-Dipt. Gvern Lokali dwar l-iŻbilanċ Finanzjarju għas-sena 2013*
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa 28/07 tal-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Is-Seg. Eżek. qalet li ntbgħatet ittra lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jagħtuna linja gwida ta' kif il-Kunsill jibdel id-deċiżjoni li kien ħa oriġinarjament dwar ix-xogħol f'Misraħ tas-Suq Sq Nru2 pero sal-ħin tal-laqgħa kienet għadha ma daħlietx tweġiba. Misraħ Tas-Suq Nru 2

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna ma rċevejna xejn mingħand il-Kuntrattur dwar il-bilanċ pendenti fil-kont dwar ix-xogħol ta' *major patching* fi Triq Santa Marija. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur anqas acknowledgement ma bgħat. Major Patching – Triq Santa marija

ii.i Rigward ir-reviżjoni tal-kontijiet relatat max-xogħol tal-Kuntratt tal-PPP kif ukoll mal-Kuntratt tar-Resurfacing relatat ukoll mal-PPP, Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-ewwel niktbu lill-Kuntrattur u ninfurmawh li wara eżerċizzju li sar flimkien mal-Perit irriżulta li l-kontijiet kellhom jiġu riveduti. Dan għall-fatt li skond il-Letter of Acceptances tal-Entitajiet GO u WSC hemm indikat ċar li parti mill-ispejjeż għax-xogħol li kellu jagħmel il-Kuntrattur kien ser jiġi rifuż direttament lilu bħala Kuntrattur minn dawn l-istess Entitajiet. Il-Viċi Sindku kompla jispjega li fl-istess ittra jista' jiġi ssuġġerit li jekk ikun il-bżonn issir laqgħa bejn il-partijiet konċernati. Xogħol tal-PPP u xogħol ta' Resurfacing relatat mal-PPP mill-Kuntrattur Vella Group

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii.ii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dan l-istess Kuntrattur Vella Group għadu ma ġeddietx jew allinqas bgħat kopja tal-Garanzija Bankarja mġedda relatata max-xogħol fuq PPP għall-valur ta' €57,000 li ilha skaduta minn 5 ta' Ġunju 2014. Garanzija Bankarja skaduta

ii.ii.i Il-Kunsill qabel li sakemm il-Kuntrattur jibqa ma jonorax l-obbligi tiegħu l-ħlasijiet relatati jibqgħu sospiżi.

ii.iii Saret diskussjoni dwar il-kont ta' l-użu tar-roller, fejn fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku ġie maqbul li għalissa l-kont ta' €1,485 jibqa' sospiż sakemm il-Kuntrattur jonora dak li verbalment kien ġie maqbul bejnhu, bejn is-Sindku kif ukoll bejn l-Ex-Seg. Eżek. Sadanittant il-Kuntrattur ser ikun infurmat b'din id-deċiżjoni wkoll permezz ta' ittra. Kiri ta' roller

iii. Il-Viċi Sindku rega staqsa jekk il-projector nstabx? Is-Sindku wieġeb li dan kien għadu ma nstabx. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar l-għodda li kien hemm fil-garaxx tal-Kunsill, is-sega li kellu l-Kunsill kif ukoll dwar Power Wash żgħir li dan kien ġie misluf lill-Kunsill mingħand resident. Is-Sindku wieġeb li s-sega fil-garaxx qegħda pero rigward il-Power Wash hu qatt ma sab xejn. Projector

iii.i Is-Sur Lawrence Bonavia ssuġġerixxa u s-Sur Frans Agius issekonda li jsir Audit tal-affarijiet u għoddod tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Sadanittant is-Sindku ser ifittex taħt it-taraġ tal-Berġa u fil-garaxx u jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-rendikont tad-dħul u ħruġ għall-Attivita' ta' Festa Ħelu ma setgħax jippreżentah għall-fatt li kien jonqos jirċievi xi fatturi mingħand l-istampatur. Festa Ħelu

iv.i Il-Viċi Sindku talab rendikont ta' kemm sar infieq fuq Printing fl-2014. Din ser tkun ippreżentata f'laqgħa oħra li jmiss. Rendikont Printing

v. Rigward l-Armar tat-Toroq għal żmien il-Milied, is-Sindku nforma lill-Kunsill li nxtraw 300 bozza u xi dekorazzjonijiet żgħar tal-Milied. Huwa kompla jispjega li sa laqgħa oħra li jmiss ser jippreżenta l-fatturi għax-xiri ta' dawn l-oġġetti. Armar tat-Toroq għall Żmien il-Milied

vi. Rigward jekk jeżistux implikazzjonijiet legali f'każ li l-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu jiġrilhom xi ħaġa, is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, hi bgħatet email lill-Avukat tal-Kunsil pero sal-ħin tal-laqgħa kienet għadha ma daħlitx risposta. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

vii. Is-Seg. Eżek nfurmat lill-Kunsill li tal-Health diġa bgħatu ċ-ċekk għall-€3874 sabiex isir xi tibdil fil-Berga ta' Triq Santa Marija kif kien maqbul. Dawn l-ispejjeż ser ikunu kollha mħallsin minnhom. Berġa fi Triq Santa Marija

*Il-Kunsillier Ismael Dalli attenda fis-18:30*

viii. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-pagamenti li ma tħallsux f'Diċembru issa ġewx onorati. Is-Seg. Eżek spjegat lill-Kunsill li sal-jum tal-laqgħa fil-għodu kienet iċċekjat fil-kont bankarju tal-BOV u rriżulta li l-allokazzjoni kienet għadha ma daħlitx. Sadanittant hija ċemplet id-Dipt. Gvern Lokali sabiex tiċċekja magħhom meta l-allokazzjoni kienet ser tgħaddi għand il-Kunsill. Kompliet tispjega li rċeviet telefonata wara nofsinhar li l-allokazzjoni kienet diġa ġiet pproċessata u rriżulta li bi żball l-allokazzjoni tal-Kunsill kienet għaddiet f'kont ġol-Bank HSBC li tali kont il-Kunsill ilu ma użah minn April. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tintbgħat ittra lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli kif ukoll lis-Seg. Parlamentari sabiex jinvestigaw il-każ. Allokazzjoni Finanzjarja

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Lejla tan-Nominazzjonijiet li kellha ssir fid-29 ta' Diċembru 2014 ma saritx peress li ma kienx hemm konkorrenza mill-pubbliku. Lejla ta' Nominazzjonijiet

x. Is-Seg. Eżek qrat email datata 31 ta' Diċembru 2014 mingħand is-Sur Silvio Frendo Asst. Direttur fid-Dipt. Gvern Lokali rigward il-Full Audit mitlub minn dan il-Kunsill Lokali permezz ta' email datata 14 ta' Ottubru 2014. F'din l-email is-Sur Frendo wieġeb li ma jarax għalfejn il-Kunsill jagħmel dan il-Full Audit mis-sena 2011 sal-lum u dan għall-fatt li apparti l-ispejjeż li jidħol fihom il-Kunsill, kull sena il-Kunsill diġa jkun sarlu l-Audit Annwali. Full Audit

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna stedina mill-Kunsill ta' Veliko Turnovo fil-Bulgaria li miegħu ġġemellat l-Kunsill tagħna, sabiex nipparteċipaw għall-Cultural Tourism Fair bejn l-1 u l-4 ta' April 2015 fil-Bulgaria. Huma lesti li jħallsu l-akkomodazzjoni ta' żewġ persuni. Saret diskussjoni dwar din l-istedina u l-Kunsill qabel li jekk xi Kunsillieri jixtiequ li jaċċettaw din l-istedina jridu jkopru l-ispejjeż involuti personalment. Stedina Veliko Turnovo

xii. Is-Seg. Eżek. qrat email li rċevejna mingħand Dr Malcolm Borg dwar xi sejħiet li nfetħu għall-fondi tal-EU. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ma nidħlux għal fondi bħal dawn. Fondi ERASMUS+

xiii. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li waslet email mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali jistaqsu meta l-Kunsill ser jagħmel l-Laqgħa Pubblika peress li fis-sena 2014 ma saritx. Laqgħa Pubblika

xiii.i Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika ssir nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2015 fil-17:30pm ġewwa l-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.

xiv. Sadanittant il-Kunsill qabel li ssir Laqgħa Straordinarja sabiex issir l-approvazzjoni tal-Finanacial Statements għas-sena 2014 nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2015 fil-17:00pm. Laqgħa Straordinarja Financial Statements 2014

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

i Is-Seg. Eżek. qassmet kopja tal-Iskeda ta' Pagamenti. Din tqassmet waqt il-Laqgħa minħabba li sa dakinhar tal-Laqgħa filgħodu kien għad hemm il-problema fuq l-Allokazzjoni.

Fuel

ii. Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-fuel jidher li huwa ammont sostanzjali għal perjodu ta' 20 ġurnata biss.

ii.i Il-Viċi Sindku staqsa jekk għadx tinżamm is-sistema li kull moviment jiġi mniżżel fuq ktejjeb apposta. Is-Seg. Eżek. wieġbet li dan m'għadux isir. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jerġa jibda jintuża.

iii. Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru19/07 fejn ġiet iffirmata mis-Sindku, minn żewġ Kunsillieri kif ukoll mis-Seg. Eżek.

Ittra DLG - Żbilanċ Finanzjarju

iv. • ***Ittra mibgħuta mid-Dipt. Gvern Lokali dwar l-iŻbilanċ Finanzjarju għas-sena 2013***

Is-Seg. Eżek. qrat email datata 5 ta' Jannar 2015 li wasslet mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali bit-Titlu "ŻBILANĊ FINANZJARJU TAL-KUNSILL LOKALI GĦAS-SENA 2013". Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li fuq dak mitlub mid-DLG talbet kwotazzjoni lill-Kumpanija tal-Accountants li magħha għandna l-Kuntratt fejn l-ispiża stmata ser tlaħħaq madwar €2000 VAT mhux inkluż.

iv.i Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li niktbu u nwieġbu d-Dipt. Gvern Lokali fis-sens li aħna dak mitlub fl-ittra dan il-Kunsill diġa ilu sena jimxi fuqu u jagħmel minn kollox biex joqgħod attent u ma jagħmilx spejjeż żejda ħlief dawk li huma kuntrattwali.

iv.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li niktbu lill-Monitoring Unit tad-Dipt. Gvern Lokali fejn nitolbuhom linji gwida dwar kif nistgħu nagħmlu biex inħallsu din l-ispiża lill-Accountants tagħna ladarba l-ammont mitlub biex issir Balance Sheet kull xahar barra minn dawk ix-xhur ikkwotati fit-Tender jeċċedi l-10% tal-valur tat-Tender.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk.

## 4 <u>Rapport tal-Kunsilliera</u>

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

*MINI Car Show*

i. Is-Sur Darmanin qal li l-attivita' tal-MINI Car Show saret u kienet suċċess. Bħala rikonoxximent l-Għaqda tal-MINI tat lill-Kunsill Memento.

*Laqgħa għar-residenti*

ii. Is-Sur Darmanin qal li għal-laqgħa tas-Sibt 11 ta' Jannar 2015 għar-residenti mmexxija mill-Ispettur Mercieca fl-10:00am ġewwa l-Kunsill Lokali sfortunatament ma kienx hemm attendenza kbira pero xorta waħda l-laqgħa kienet waħda tajba ħafna.

*Aerobics*

iii. Is-Sur Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics bdew u għall-ewwel kienu qed isiru fis-Sala tar-Rainbows pero kellhom jiċċaqilqu għas-Sala tal-Agostinjani peress li l-attendenza kienet waħda numeruża sew.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

Triq il-Knisja ma Triq iż-Żejtun

i. Is-Sur Dalli xtaq iqajjem il-punt dwar Triq il-Knisja fejn tagħqad ma' Triq iż-Żejtun. Is-Sindku ssuġġerilu li jipprepara pjanta bis-suġġeriment u fil-każ ngħadduha lit-TM għal konsiderazzjoni tagħhom.

Triq Żejtun

ii. Is-Sur Dalli ssuġerixxa wkoll li Triq iż-Żejtun fejn tmiss ma' Triq il-Kbira u Triq Santa Marija tiġi 'one way'. Is-Sindku ssuġerixxa li din is-sitwazzjoni terġa tiġi diskussa f'laqgħa oħra li jmiss.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinjura D. Vella qalet li l-ħarġa għat-tfal fis-Cinema ta' Buġibba kien hemm attendenza tajba ħafna. — Ħarġa għat-tfal

ii. Is-Sinjura Vella qalet li għall-attivita' għall-Anzjani li saret fi 2 ta' Jannar kien hemm ukoll attendenza sabiħa ħafna. — Attivita' għall-Anzjani

**8 <u>Ħwejjeġ Oħra</u>**

i. Il-Kunsilliera Doris Vella ssuġġeriet li tiżdied tarġa oħra ma li hemm biex titla' għal Ġnien fejn il-latrina pubblika. Il-Viċi Sindku Paul Farrugia qal li ma jsibx oġġezzjoni li ssir din it-tarġa pero din trid issir l-istess bħall-oħrajn bi natural hardstone. Il-Kunsill qabel unanimament li ladarba li jkollna l-flus din issir bl-istess mod. — Tarġa

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Onor. Buontempo organizza laqgħa fejn ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jissottometu xi Proġetti Kapitali fejn għal dan il-għan ser ikun hemm fond ta' Miljun Ewro li jrid jinqasam bejn dawk kollha magħżula. — Laqgħa Onor. Buontempo

ii.i Is-Sindku ssuġġerixxa li nissottometu l-Proġett ta' l-Open Air Gym fi Triq il-Kurunell Mas. Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. Is-Seg. Eżek. talbet lill-Kunsill jikkunsidra li ssir talba għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u oħra part-time ta' Skrivana Skala 15. — Sejħa Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 full time u oħra Skrivana Skala 15 part-time

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk.

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li membri mit-Tarxien Rainbows avviċinawh biex jinfurmawh li meta ssottometew applikazzjoni minħabba xi dawl intalbu jissottometu wkoll pjanta tal-area. Issa rriżulta li fuq il-pjanta jidher li madwar il-Bar suppost teżisti bankina. Il-Viċi Sindku rrimarka li dan il-każ ilu li nqala' u wara diskussjonijiet li kienu saru dak iż-żmien mal-Awtoritajiet il-pjanti kienu ġew emendati kif inhuma preżentement. — Bankina quddiem il-Bar Tarxien Rainbows

vi.i Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera Doris Vella affermaw li huma ma jaqblux li l-bankina ssir.

vi.ii Il-Kunsill qabel li s-Sindku jerġa jkellem lit-Tarxien Rainbows u jissuġġerilhom biex ikellmu lill-Perit David Vassallo tat-TM forsi jiftakar il-każ.

**ii <u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

Il-laqgħa ntemmet fid-20:15pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015 fis-6.00pm.

____________________ ____________________

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**